# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Jannar 2022**

**Talba numru 71/2021SFJ**

**GO PLC**
**(C22334)**

**VS.**

**GORDON SAMMUT**
**(95878M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-25 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' tlett elef u mija u erba' Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€3,104.72) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru "40733380", kif ukoll l-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali numru 1689/2019, u l-imgħaxijiet;

Ra l-i*statement* (dokument A) li jindika isem il-konvenut u jindika l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża;

Ra l-*GO Service Order Form* (dokument B2) li torbot l-isem u n-numru tal-karta tal-identità tal-konvenut mal-kont bin-numru "40733380";

Ra l-kopja tal-ittra uffiċjali numru 1689/2019 (dokument Ċ) u t-taxxa relattiva;

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali;

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta u ma deher għal ebda seduta; u

Qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' lil Maryanne Camilleri tixhed u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-11 ta' Jannar 2022.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Xehdet Maryanne Camilleri, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2021. Hija kkonfermat li l-kont bin numru "40733380" kien isejjaħ lill-konvenut u li l-bilanċ pendenti fuq dan il-kont kien dak ta' tlett elef u mija u erba' Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€3,104.72). Camilleri kkonfermat li l-konvenut qatt ma ħallas dan l-ammont jew partijiet minnu.

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal jikkonkludi li l-provi mressqa mis-soċjetà attriċi huma konvinċenti u konklussivi u fi kwalunkwe każ, ma ġew kontradetti b'ebda mod.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara qara l-atti u sema' lil Maryanne Camilleri tixhed, it-Tribunal jikkonkludi li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma ben spjegati u ppruvati sal-grad rikjest skont il-liġi u għalhekk jilqa' it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett elef u mija u erba' Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€3,104.72).

It-Tribunal jordna li l-imgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali relattiva, jiġifieri mit-3 ta' Settembru 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**